29 ta' Ottubru, 1956.

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Paolo Borg Grech

*versus*

Avukat Dr. Giuseppe Attard Montalto

## Mandat — Avukat — Minuta ta' Diviżjoni Art. 1959 (2) tal-Kodiċi Ċivili

*Il-liġi stess tgħid illi l-mandat jista' jkun ukoll taċitu.*

*Iżda l-liġi ma tiddefinixxix il-mandat taċitu; u għalhekk wieħed ikollu jirrikorri għad-dottrina.*

*U skond id-dottrina, hemm dan il-mandat taċitu meta persuna tinkarika ruħha minn affari li tirrigwarda persuna oħra, u ċ-ċirkustanzi jkunu juru li dik il-persuna l-oħra kkonferiet taċitament*

*dan il-mandat. Għax meta l-persuna nteressata taf li xi ħadd inkarika ruħu minn affari li jirrigwardaha u ma topponix ruħha, u tittolleraha bis-skiet, dak is-skiet jikkostitwixxi l-bażi ta' mandat ġuridikament obligatorju.*

*Għaldaqstant, jekk avukat jassumi l-preparazzjoni tal-minuta ta' diviżjoni, u wieħed mill-kondividenti ma jkunx taħ l-inkarigu espress biex ilesti dik il-minuta, imma, fil-waqt li kien jaf li dak l-avukat kien qiegħed jagħmel dik il-minuta, ma pprotestax ruħu, anzi kien jagħtieħ l-informazzjonijiet meħtieġa biex ilestiha, u anki ssollecitah biex ilestiha, u fl-aħħarnett jaddivjeni għall-kuntratt tad-diviżjoni fuq il-bażi tal-minuta hekk preparata, u dan kollu mingħajr qatt ma ddikjara li hu ma kienx bi ħsiebu jħallas xejn mill-onorarju dovut għall-preparazzjoni ta' dik il-minuta, dan l-atteġġjament ta' dak il-kondivident ipoġġieh fil-pożizzjoni ta' mandant taċitu; u konsegwentement ma jistax jallega illi huwa mhux tenut iħallas sehmu minn dak l-onorarju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa — peress illi l-attur ipprepara u lesta għall-publikazzjoni tagħha l-minuta tal-kuntratt ta' qasma ta' diversi stabili, li saret bejn il-konvenut u ħuħ it-Tabib Dr. Angelo Attard Montalto fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Girard fis-6 ta' April, 1953; u billi l-konvenut jippretendi li l-onorarju dovut lill-attur għal dak ix-xogħol għandu jiġi sopportat kollu mill-kondivident l-ieħor u li huwa m'għandu jħallas xejn minn dak l-onorarju; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-onorarju dovut lill-attur għall-preparazzjoni tal-minuta tal-kuntratt ta' qasma fuq imsemmi, publikat fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard fis-6 ta' April, 1933, għandu jiġi imħallas kwantu għal nofs mill-istess konvenut. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi d-domanda hija infondata peress li l-attur qatt ma kien il-patroċinatur tal-eċċipjent, u l-prestazjonijiet li għamel saru fl-interess tal-klient tiegħu Dr. Angelo Attard Montalto;

*Omissis;*

— Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' April, 1956, li biha ġiet milqugħa t-talba tal-attur, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi m'hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti li kien l-attur li ikkonfezzjona l-minuta relattiva għall-kuntratt tad-diviżjoni ta' l-immobili li sar bejn il-konvenut u ħuħ, Dr. Fiżiku Angelo Attard Montalto, fis-6 ta' April, 1953; id-diverġenza bejniethom hija li, mentri l-attur jgħid li għal dak ix-xogħol ġie inkarigat anki mill-konvenut, dana jippretendi illi qatt ma ta dan l-inkariku lill-attur, li għamel ix-xogħol unikament bħala Avukat tal-imsemmi Dr. Angelo Attard Montalto;

Illi mix-xhieda tal-attur irriżulta illi huwa kien ġie inkarigat miż-żewġ partijiet Attard Montalto biex jagħmel id-diviżjoni tal-mobbli bi skrittura privata fuq pjan ta' diviżjoni li kien għamel l-espert Gingell, u dana l-inkariku l-attur eżegwih, u fit-13 ta' Jannar, 1953, saret dik id-diviżjoni; kif spiċċaw minnha, dak in-nhar stess, l-aħwa Attard Montalto qalu lill-attur biex jaħsbilhom għad-diviżjoni ta' l-istabili; huwa aċċetta u beda jiġbor l-informazzjonijiet meħtieġa u jagħmel ir-riċerki li kien hemm bżonn, speċjalment dwar il-provenjenza tagħhom. Kif jgħid dejjem l-attur, il-konvenut ippromettielu li jagħtieh id-dokumenti li kellu, imma ṣiefer mingħajr ma tahomlu; in segwitu, l-attur sar jaf li kien tahom lin-Nutar Robert Girard, u l-attur irtirahom min għandu; kienu dokumenti li jagħtuh tarf, imma ma jwassluhx f'konklużjoni, u ma kienux jirrigwardaw it-tmenin (80) fondi, oġġett tad-diviżjoni. Huwa għalhekk kompla jfittex u, meta ir-riċerki ma kienux biżżejjed, kien jiltaqa' mal-konvenut fl-uffiċċju tiegħu, jew imur isibu l-Assemblea Leġislattiva. F'Marzu 1953 il-konvenut kiteb lil ħuħ biex dana jissolleċita lill-attur fil-preparazzjoni tal-minuta, peress li kellu probabbilità li jerġa jsiefer; u għalhekk l-attur beda jaħdem fil-ħin kollu liberu u l-minuta lestiha. L-att ġie publikat fuq dik il-minuta fis-6 ta' April, 1953,

min-Nutar Girard; in segwitu l-attur talab lill-konvenut biex iħallas sehmu mill-onorarju tiegħu għal dik il-minuta. u kien f'dik l-okkażżjoni biss li l-konvenut kien ipprotesta li huwa ma kienx taħ ebda inkariku;

Illi dina l-versjoni tal-attur tinsab sostanzjalment konfermata mix-xhud Dr. Angelo Attard Montalto u miċ-ċirkustanzi li jissemmew aktar il-quddiem;

Illi l-konvenut qiegħed jikkontesta dan l-inkariku lill-attur u xehed illi dan ma setax jagħtihulu għal żewġ raġunijiet: — (1) għaliex kien jagħmel dispett (sic) lill-Avukat tiegħu (Dr. Giovanni Borg Olivier) li kien preżenti waqt id-diviżjoni tal-beni mobili, u (2) għaliex kien hemm ġa l-ftehim man-Nutar Girard li l-minuta kellu jirrediġiha hu;

Illi l-ewwel motiv ma jidherx li huwa aċċettabbli; difatti l-attur kien ġie qabel imqabbad jipprepara id-diviżjoni tal-mobbli, u f'dik l-okkażżjoni l-konvenut ma ħassx li m'għandux jqabbdu b'deferenza għall-Avukat tiegħu. Lanqas ma sab diffikoltà l-konvenut li l-attur jagħmel il-proċedura għar-rimozzjoni ta' John Fleri minn amministratur tal-istess beni in diviżjoni; anzi r-rikors li sar fl-10 ta' Marzu, 1953 (jiġifieri fiż-żmien li l-attur kien miexi bix-xogħol tal-minuta) l-konvenut lanqas ħaseb biex jiffirmaħ anki l-imsemmi Avukat tiegħu; barra minn dana, dak li hu l-aktar importanti, il-konvenut qatt ma pprotesta ruħu mal-attur li ma riedux jagħmel dik il-minuta, u dana lanqas wara li sar jaf li l-attur kien irtira d-dokumenti minn għand in-Nutar Girard, u li, kwindi, in-nutar ma setax jagħmel il-minuta. Issa, m'hemmx dubbju li din il-minuta min xi ħadd kellha ssir, u jekk ma setax jagħmilha n-Nutar Girard minħabba li l-attur kien irtira l-karti kollha, il-konvenut kellu neċessarjament jikkonkludi li x-xogħol kien ser jagħmlu l-attur, anki fl-interess tal-istess konvenut. Xejn ma jiswa' illi l-konvenut kien jaħseb li l-attur kien qed jagħmel il-minuta fl-interess ta' ħuħ Dr. Angelo biss; għaliex, apparti l-fatt li dik il-minuta kienet tirrigwarda lilu wkoll bħala komproprjetarju, kien dmir tal-konvenut illi, meta l-attur irtira l-karti minn għand in-Nutar Girard, javżaħ li hu ma kienx bi ħsiebu jħallas xejn tax-xogħol li kien ser

jagħmel, billi l-ħlas kien ġià miftiehem mal-imsemmi Nutar; u allura il-pożizzjoni kienet tiċċara, u l-kontendenti kienu jsiru jafu fejn huma; mentri l-konvenut, meta kien dmiru jitkellem, ma tkellimx, u dan l-iskiet tiegħu ippreġudikah; u mhux biss *il-konvenut siket*, imma, kif jidher mill-ittra tiegħu tal-20 ta' Marzu, 1953 (fol. 10), fil-waqt li wera li kien jaf li n-Nutar kien ikkonsenja lill-attur il-karti kollha, ried jaf jekk l-attur kienx lesta l-minuta, u talab lil ħuh biex jissolleċitah ilestiha u biex l-att isir fi żmien għaxart ijiem, minħabba li kien sejjer jerġa jsiefer;

*Illi, għar-raġunijiet ġià fuq miġjuba, lanqas it-tieni* motiv addott mill-konvenut ma huwa aċċettabbli. Del resto, irriżulta mill-provi li n-Nutar Girard kien ilu mqabbad jlesti l-minuta xi sena u nofs qabel ma sar il-kuntratt, u evidentement ma lestijiex għaliex, kif xehed l-attur, id-dokumenti li tah il-konvenut ma kienux biżżejjed, u, kif qallu l-istess Nutar, dawk id-dokumenti "dormono placidamente", u li jekk il-minuta ma jagħmilhiex l-attur, ma kienx sejjer jagħmilha ħadd; u l-attur lestiha mit-13 ta' Jannar, 1953, meta rċieva l-inkariku, sa ftit qabel is-6 ta' April sussegwenti, meta ġie publikat il-kuntratt;

*Illi* xejn ma *jiswa li, anki wara li rċieva* l-inkariku jipprepara din il-minuta, l-attur baqa' id-difensur tat-Tabib Angelo Attard Montalto, avversarju tal-konvenut, u li baqa' jagħmel dawk l-atti kollha meħtieġa mill-patroċinju tiegħu; għaliex dak l-inkariku ma svestiehx mill-kwalità ta' difensur, u dana kien jafu indubbjament il-konvenut;

Illi lanqas tiswa' l-obbjezzjoni tal-konvenut illi, waqt il-publikazzjoni tal-kuntratt huwa għamel xi suġġerimenti fl-interess taż-żewġ partijiet minħabba xi difetti fil-minuta; għaliex il-konvenut, bħala parti fil-kuntratt, kien fid-dmir li l-affarijiet jimxu sewwa, anki jekk kien qabbad persuna legali bħal ma hu l-attur, biex jipprepara l-minuta relattiva; il-prattika u l-esperjenza jgħallmu illi, fil-kors stess tal-publikazzjoni, ta' spiss, jekk mhux dejjem, isiru modifiki u korrezzjonijiet fil-minuti;

Illi, lanqas tiswa' l-osservazzjoni tal-konvenut li l-onorarju pretiż mill-attur huwa eżaġerat; għaliex dina l-kwistjoni teżorbita mil-limiti tad-domanda odjerna;

Illi l-attur, fin-nota tiegħu fol. 172 et seq. ipprospetta b'mod subordinat, il-figura tal-mandat taċitu, deżunt miċċirkustanzi. Skond l-art. 1959 (2) (Kod. Ċivili), il-mandat jista' jingħata anki taċitament; iżda l-liġi ma tiddefinix din il-kwalità ta' mandat, u għalhekk wieħed irid jirrikorri lejn id-dottrina. Skond l-insenjament ta' Pothier, "ogni qualvolta si faccia a vista e saputa di taluno qualche affare che lo riguarda, si reputa per ciò solo che segua tra noi un contratto di mandato per cui egli m'incarichi di quest'affare: locchè è conforme a quella regola di diritto: "Semper, qui non prohibit aliquem pro se intervenire, mandare creditur", L. 60, Dig. de Reg. Juris" (Mandato para. 29). Dan l-insenjament ġie adottat anki minn Laurent (Diritto Civile, Vol. XXVII para. 379). F'dan is-sens hija wkoll id-dottrina taljana. Jgħid Borsari: "Il mandato tacito è dedotto da tali combinazioni di fatto per cui si presume che chi fa qualche cosa per un altro, ne abbia ricevuto l'incarico" (Codice Civile Italiano Commentato, art. 1738 para. 3866). Angelo Olivieri, fil-monografija tiegħu "Mandato Civile", hekk jesprimi ruħu: "Si ha il mandato tacito quando si imprendono a trattare gli affari di una persona in tali speciali circostanze da far chiaramente desumere non solo dall'inizio della trattazione il tacito consenso di detta persona, ma anche da parte di chi li esegue la certezza di aver ottenuto detto consenso e di essersi determinato, in ragion di esso, all'esecuzione di detti affari"; u l-istess awtur ikompli jispeċifika aħjar fuqhiex hu bażat il-mandat taċitu: "Elemento essenziale e fondamentale del mandato tacito si è........ la scienza dello interessato che, avendo possibilità o dovere, ad anche solo ragionevole interesse, di opporsi al compimento dei suoi affari, da altri intrapreso in suo nome e conto, lo tollera in silenzio, costituendo tale silenzio la base di un mandato giuridicamente obbligatorio" (Digesto Italiano, Voce "Mandato Civile" — para. 149 u 150);

Illi, premessi dawn il-prinċipji, anki kieku ma ġiex pruvat l-inkarigu espress mogħti lill-attur, jidher mill-provi miġjuba illi kien hemm favur l-attur almenu mandat taċitu mill-parti tal-konvenut. Dana kien jaf li l-attur irtira il-karti kollha minn għand in-Nutar Girard u b'hekk dan ma kienx sejjer jagħmel il-minuta tal-kuntratt; kien jaf ukoll il-konvenut illi l-attur kien qed jipprepara dik il-minuta, għaliex urihielu u qrahielu fil-kors tal-preparazzjoni tagħha; kien jiltaqa' mal-attur biex jiddiskuti miegħu xi punti inerenti għal dik il-minuta, u kien jagħtieh dawk l-informazzjonijiet kollha li kellu bżonn; anzi wasal biex ipprova jissolleċita lill-attur fix-xogħol tiegħu minħabba li kien ser isiefer; u fl-aħħarnett, addivjena għad-diviżjoni fuq il-bażi tal-minuta preparata mill-attur; u dan kollu mingħajr ma qatt ipprotesta jew iddikjara li ma kienx intenzjonat iħallas lill-attur. B'dan l-atteġġjament tal-konvenut, l-attur kellu ċ-ċertezza li hu kien ta l-kunsens tiegħu għal dak ix-xogħol, u minn dik iċ-ċertezza ġie determinat jeżegwieh sa l-aħħar. Minn dana jidher illi ċ-ċirkustanzi tal-każ jissuffragaw saħansitra t-teżi prospettata mill-attur, tal-mandat taċitu;

Illi, kwantu għas-sehem tal-ħlas, il-konvenut ma ssolleva ebda kontestazzjoni; del resto, mill-iskrittura fol. 200 jidher illi l-konvenut u ħuh ftehmu li l-ispejjeż, fosthom dawk relattivi għall-kawża tad-diviżjoni, jitħallsu bin-nofs; ħaġa dina li hija konformi għal-liġi, f'nuqqas ta' ftehim kuntrarju, peress li l-interess tagħhom f'dik id-diviżjoni kien indaqs (arg. art. 527 Kod. Ċivili);

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' April 1956;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li biha dan talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-kumpless tal-provi ma jistgħax ma jwassalx għall-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. U tabilħaqq, għalkemm l-attur kien l-avukat

difensur ta' ħu l-konvenut fil-vertenzi li dana kellu ma' dak ħuħ, b'dana kollu l-attur ġie nkarigat jirrediġi l-minuta tal-qasma u jiġbor l-informazzjonijiet meħtieġa biex dik il-qasma tista' ssir fl-interess taż-żewġ kondividenti. L-attur u ħu l-konvenut, li kien il-kondivident l-ieħor, xehdu li l-konvenut stess ta lill-attur l-inkarigu espress li jlesti l-minuta u jipprepara l-qasma fl-okkażjoni li l-kondividenti kienu qasmu l-mobili. Dana ġie miċħud mill-konvenut. Iżda ċ-ċaħda tal-konvenut, li jsostni li qatt ma nkarika lill-attur jipprepara l-qasma u l-minuta, mhumiex konċiljabbli mal-atteġġjament tal-istess konvenut. Dana kien jaf li l-attur kien qiegħed jagħmel ix-xogħol, jiġbor l-informazzjonijiet, ifittex il-provenjenza, ġabar id-dokumenti, u kien qiegħed jirrediġi l-minuta; u l-konvenut mhux biss ma pprotestax, iżda b'ittra lill-ħuħ talab li l-attur jgħarrfu ilesti mill-aktar fis (fol. 10). Konferma isbaħ minn din ma set-għax kien hemm; u dana l-atteġġjament jammonta għal mandat taċitu, li kieku stess ma kienx hemm il-mandat espress preċedenti. Ċertament il-minuta u x-xogħol kellu jagħmlu xi ħadd, u kien tali li kien jinteressa ugwalment liż-żewġ kondividenti; u mhux loġiku li avukat jiġi mqab-bad, anki taċitament, jagħmel xogħol ta' tul u responsab-biltà mingħajr ma l-avukat jitħallas. Huwa illoġiku u nġust li l-konvenut jinqeda bix-xogħol tal-attur a spejjeż unika-ment ta' ħuħ, jew b'xejn. Iżda fil-fatti l-konvenut stess kien persważ li kellu jissaporti l-ispejjeż ma ħuħ; għax fl-att ftiehem li kellu jbati nofs l-ispejjeż tal-qasma, u mal-ispej-jeż tal-qasma jidħlu dawk tar-riċerki u tal-preparazzjonijiet kollha meħtieġa għall-qasma, kompriża r-redazzjoni tal-minuta. Jekk imbagħad il-konvenut jidhirlu li l-pretensjoni tal-attur għas-somma kollha minnu mitluba hi eżaġerata, dana għandu jaraħ, mhux f'dil-kawża, iżda f'sedi oħra; għax l-ammont mhux meritu ta' dil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma mħaddna minn dil-Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.